MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Mandat Numru. 1920/2012/1

**JPM Brothers Limited (C31612)**

**-vs-**

**John u Maria Theresa sive Marthese konjugi Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ JPM Brothers Limited li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli kemm huma personalment u kemm permezz ta’ persuni inkarigati minnhom iwettqu, jesegwixxu jew jissokktaw kwalsiasi xoghol ta’ demolizzjoni, skavar, thaffir, thammil, kostruzzjoni, pedamenti u edifikazzjoni fuq l-ghalqa proprjeta’ tal-kumpanija rikorrenti li tinsab fuq wara tal-blokk ta’ appartamenti maghruf bhala “Highclere Court” u li jinsab fi Triq Raddet ir-Roti, Xemxija Heights, San Pawl il-Bahar.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Dicembru 2012 li bih, it-talba giet milqugha provvizorjament u r-rikors gie ffissat ghas-smigh.

Rat it-twegiba tal-intimati.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat ir-rapport tal-Perit Mario Cassar minnha nominat biex jirrelata permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Frar 2013.

Ikkunsidrat illi t-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni hija regolata bil-provvediment tal-Art. 873 tal-Kap 12 li testwalment jipprovdi illi:

(1) L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Minn dan jirrizulta li z-zewg elementi mehtiega sabiex tintlaqa’ it-talba ghall-hrug tal-mandat de quo huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Jirrizulta ukoll illi l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa essenzjalment kostrett minn dak li jidher “prima facie”. Il-vertenzi ezistenti bejn il-partijiet ghandhom jigu ezaminati w evalwati fi skrutinju profond minn dik il-Qorti li finalment ser tippronunzja ruhha fuq l-istess vertenzi.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi hija ghandha d-drittijiet li ssostni li ghandha kif ukoll irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, il-pregudizzju li ssofri jekk l-intimati ma jinzammux kif mitlub.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba kontenuta fir-rikors tal-20 ta’ Dicembru 2012 definittivament.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------